II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/859

tal-24 ta' Mejju 2022

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura magħquda tal-merkanzija ("in-NM"), biex fl-istess waqt tissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni u politiki oħrajn tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' merkanzija.

(2) In-NM hija bbażata fuq in-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali ("SA"), li ġiet emendata skont ir-Rakkomandazzjoni tat-28 ta' Ġunju 2019 tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali ("is-SA tal-2022"). Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 ([2]), li ssostitwixxa l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 mill-1 ta' Jannar 2022, implimenta dawk l-emendi fil-verżjoni tal-2022 tan-NM ("in-NM tal-2022").

(3) Fis-SA tal-2022, inħolqot subintestatura separata 4421 20 00 għal "twiebet". Fin-NM tal-2021, "twiebet tal-fibreboard" ġew ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 4421 99 10 b'rata ta' dazju doganali ta' 4 %, filwaqt li "twiebet ta' materjali oħrajn" ġew ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 4421 99 91 b'rata ta' dazju doganali "B'xejn". Bl-emendi tas-SA tal-2022, fin-NM tal-2022, "twiebet tal-fibreboard" ġew trasferiti għall-kodiċi l-ġdid tan-NM 4421 20 00 b'rata ta' dazju doganali "B'xejn".

(4) Sabiex fl-2022 jiġi impost l-istess trattament tariffarju bħal fin-NM tal-2021, jeħtieġ li tiġi emendata n-NM tal-2022 sabiex jitqiesu l-emendi tas-SA tal-2022 u sabiex tiġi prevista suddiviżjoni separata għal "twiebet tal-fibreboard".

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 tat-12 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in- nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 385, 29.10.2021, p. 1).

(5) Fis-SA tal-2022, inħolqot intestatura separata 8485 għal "Magni għall-manifattura addittiva", magħrufa wkoll bħala "printers 3D", li ġiet suddiviża ulterjorment f'kategoriji differenti skont id-diversi depożiti materjali (pereżempju "permezz tad-depożitu tal-metalli", "permezz tad-depożitu tal-ġibs, tas-siment, taċ-ċeramika jew tal-ħġieġ", eċċ."). Il-ħolqien tal-intestatura 8485 implika t-trasferiment ta' dawk il-magni f'subintestaturi differenti tan-NM tal-2021 ([3]), u l-ħolqien ta' kodiċi NM speċifiċi sabiex jingħata l-istess trattament tariffarju bħal fin-NM tal-2021.

(6) Fin-NM tal-2021, "Magni għall-manifattura addittiva permezz tad-depożitu tar-ramel, tal-konkrit jew depożitu minerali ieħor" ġew ikklassifikati taħt is-subintestatura 8474 80 90 "Oħrajn", b'rata ta' dazju doganali "Bla ħlas". Wara l-emendi tas-SA tal-2022, fin-NM tal-2022 dawk il-prodotti huma kklassifikati taħt is-subintestatura l-ġdida 8485 80 00, b'rata ta' dazju doganali ta' 1,7 %.

(7) Sabiex ikompli jingħata l-istess trattament tariffarju bħal fl-2021 għal dawk "Magni għall-manifattura addittiva bl-addittiv ta' prodotti tar-ramel, tal-konkrit jew prodotti minerali oħra", jeħtieġ li n-NM tal-2022 tiġi emendata billi tiġi prevista suddiviżjoni separata mingħajr dazju.

(8) Barra minn hekk, fin-NM tal-2022, partijiet minn dawk il-magni jenħtieġ li jingħataw l-istess trattament tariffarju bħal fin-NM tal-2021. Għalhekk, jixraq li d-deskrizzjoni tal-kodiċi NM 8485 90 10 tiġi emendata sabiex tinkludi fiha l-partijiet tal-"magni għall-manifattura addittiva permezz tad-depożitu tar-ramel, tal-konkrit jew depożitu minerali ieħor".

(9) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jiġi emendat skont dan.

(10) Sabiex jiġi żgurat li t-trattament tariffarju fl-2022 għall-printers 3D u l-partijiet tagħhom ikun l-istess bħalma kien fl-2021, l-emendi korrispondenti jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 2 tal-Anness għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 tal-21 ta' Settembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in- nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 361, 30.10.2020, p. 1).

ANNESS

1. Fit-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, l-entrata għall-kodiċi 4421 20 00 hija sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
"**4421 20 00**	**– Twiebet**	B'xejn ([1])	p/st

([1]) Tal-fibreboard: **4**.".

2) Fit-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, l-entrati għall-kodiċi 8485 80 00 sa 8485 90 90 huma sostitwiti b'dan li ġej:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata tad-dazju konvenzjonali (%)	Unità supplimentari
1	2	3	4
"**8485 80 00**	– **Oħrajn**	1,7 ([1])	p/st
8485 90	– **Partijiet:**		
8485 90 10	– – Partijiet tal-magni tas-subintestatura 8485 30 10; Partijiet ta' magni għall-manifattura addittiva permezz tad-depożitu tar-ramel, tal-konkrit jew depożitu ta' prodotti minerali oħrajn	B'xejn	p/st
8485 90 90	– – Oħrajn	1,7	p/st

([1]) Magni għall-manifattura addittiva permezz tad-depożitu tar-ramel, tal-konkrit jew depożitu ta' prodotti minerali oħrajn: **B'xejn**.".